MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 165/1994/1

**Joseph u Josephine konjugi Azzopardi**

**v.**

**Nicholas u Rita konjugi Zammit**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti minn sentenza moghtija fit-3 ta' Frar 2006, fil-kawza fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, li fiha gie ritenut u deciz hekk,

"Il-Qorti,

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

"Illi l-atturi konjuġi Azzopardi huma fil-pussess u l-proprjetarji ta' porzjon art fabbrikabbli fi Triq il-Papa Ġwanni Pawlu II, Victoria, Għawdex bil-kejl ta' tlett mija u disgħa u tletin metri kwadri (393 mk.) fabbrikabbli u disgħa u disgħin metri kwadri (99 mk) destinati għal triq li tmiss mit-tramuntana mat-triq, mill-Lvant ma' beni tal-konvenuti u mill-punent ma' beni ta' l-eredi ta' George Azzopardi ;
"Illi l-proprjeta` tal-konvenuti ilha diversi snin li ġiet żviluppata u nbena l-ħajt diviżorju fuq il-linja stabbilita bi ftehim bejn il-partijiet;

"Illi riċentement u ċioe` mill-ewwel ta' Lulju tal-elf disa' mija u erbgħa u disgħin (1.07.94) lil hawn, il-konvenuti bdew jagħmlu xogħlijiet strutturali fil-proprjeta` tagħhom .

"Illi fil-kors ta' dawn ix-xogħlijiet il-konvenuti għamlu xogħol ta' skavazzjoni fil-proprjeta' tal-atturi u barra xi xogħol tal-*concrete* bdew jibnu fiha ħajt wiesgħa iktar minn erba' piedi fil-proprjeta' tagħhom .

"Illi minkejja li l-atturi oġġezzjonaw għal dawn ix-xogħlijiet il-konvenuti baqgħu għaddejjin b'dan ix-xogħol sakemm dawn ġew miżmuma permezz ta' mandat ta' inibizzjoni spedit minn din il-Qorti fl-ismijiet "Joseph Azzopardi vs Nicholas Zammit".

"Illi minkejja diversi twissijiet il-konvenuti qegħdin jirrifjutaw li jneħħu x-xogħol magħmul minnhom fl-art imsemmija u l-atturi għalhekk iridu li jitneħħa x-xogħol kollu magħmul mill-konvenuti u l-proprjeta` tagħhom terġa' titqiegħed fl-istat oriġinali tagħha .

"Illi l-atturi jridu li jiġu mantenuti fil-pussess tar-raba tagħhom billi għalhekk jitneħħa x-xogħol kollu magħmul mill-konvenuti u l-art terġa' titqiegħed fl-istat oriġinali tagħha .

"Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

"1. Tiddikjara illi x-xogħlijiet imsemmija magħmula mill-konvenuti jikkostitwixxu molestja tal-pussess mill-atturi tal-art fuq imsemmija ,

"2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss minn din il-Qorti huma jneħħu dawk ix-xogħlijiet kollha magħmula minnhom u li jikkostitwixxu din il-molestja u jerġgħu jqegħdu l-proprjeta` ta' l-atturi fl-istat oriġinali tagħha.

"3. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenuti jagħmlu l-istess xogħlijiet a spejjez tal-konvenuti .

"Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni fl-istess ismijiet u tal-ittra interpellatorja spedita fil-21 ta' Ġunju, 1994 .

"Il-konvenuti mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qegħdin jiġu inġunti.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta’ Joseph Azzopardi .

"Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

"1. Illi il-konvenuti ma huma ħatja ta' l-ebda molestja ta' pussess fil-konfront tal-atturi;

"2. Illi dak li għamlu l-konvenuti għamluh fil-proprjeta` tagħhom.

"3. Illi fi kwalunkwe każ ma jirrikorrux l-elementi neċessarji għall-eżerċizzju ta' dina l-azzjoni;

"4. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt .

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti maħlufa minn Nicholas Zammit .

"Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Jannar 1995, fejn innominat lill-A.I.C. Anna Maria Dimech (illum Attard Montalto) bħala perit tekniku f'din il-kawża.

"Rat ir-rapport ta' l-istess perit tal-24 ta' April 2001, maħluf minnha fit-22 ta' Mejju, 2001 .

"Rat ir-rapport ulterjuri tagħha tal-21 ta' Marzu 2003, maħluf fl-14 ta' Mejju, 2003 .

"Rat il-verbal tagħha tal-21 ta' Ottubru 2005, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza .

"Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

"Ikkunsidrat :

"Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed ifittxu li jiġu mantnuti fil-pussess ta' l-art tagħhom deskritta fiċ-ċitazzjoni, wara li allegatament ġew immolestati f'dan il-pussess permezz ta' xogħlijiet imwettqa fl-istess art mill-konvenuti . Il-konvenuti jiċħdu li għamlu xi xogħlijiet fl-art ta' l-atturi.

"Jikkontendu wkoll illi ma jirrikorrux l-elementi meħtieġa għal kawża ta' manutenzjoni fil-pussess.

"Dwar l-iskop ta' l-azzjonijiet possessorji r-**Ricci** jispjega illi :

"*il possesso …. e` costituito da una condizione di fatto che la legge, nell'interesse dell'ordine sociale, vuole sia rispettata . Nell'intento di assicurare questo rispetto, essa accorda l'esercizio delle azioni possessorie, il cui scopo e` appunto quello di conservare o di ristabilire una condizione di fatto che esige rispetto*." (Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile. vol. V # 92) .

"Dawn l-azzjonijiet possessorji taħt il-Kodiċi Ċivili tagħna huma tnejn u cioe`:

"(i) l-azzjoni sabiex il-pussessur jinżamm fil-pussess f'każ ta' molestja (Art. 534); u

"(ii) l-azzjoni għar-radd tal-pussess f'każ ta' spoll (Art. 535) .

"Fl-ewwel każ l-attur li jkun ġie disturbat fil-pussess jitlob li ma jibqgħax jiġi mfixkel fit-tgawdija tiegħu tal-ħaġa. Fit-tieni każ jitlob li jerġa' jitqiegħed fl-istat li kien qabel ma ġie mneżża bi vjolenza jew bil-moħbi minn dak il-pussess. Il-**Borsari** hekk ifisser id-distinzjoni bejn iż-żewġ azzjonijiet :

"*Chi e` molestato nel possesso puo` chiedere la manutenzione e chi e` stato spogliato del possesso puo` chiedere la reintegrazione: in quel caso il possesso si ritiene quantunque intorbidato dalla molestia, in questo il possesso e` perduto*." (Comm. Cod. Civ. Vol. II # 1186) .

"F'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet : "**Grace Agius vs. Angiolina Cutajar** (Kollez. XLIII. I. 97), insibu din id-definizzjoni klassika ta' l-elementi ta' l-azzjoni possessorja tal-manutenzjoni : "*Sabiex din l-azzjoni tista' tirnexxi jeħtieġ li jirrikorru erba' elementi, u cioe` :*

*"(a) l-attur irid jipprova li l-azzjoni tiegħu tirrigwarda oġġett immobbli jew universalita` ta' ħwejjeġ mobbli ;*

*"(b) li huwa jinsab fil-pussess ta' liema xorta jkun, tal-ħaġa ,*

*"(c) li jkun ġie mmolestat f'dan il-pussess, u*

*"(d) li l-azzjoni tkun ġiet eżerċitata fi żmien sena mill-molestja .*

*Inoltre, skond il-liġi, il-pussess irid ikun fis-sens tad-definizzjoni mogħtija mill-artikolu 524 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) . Huwa għalhekk indifferenti jekk il-pussess kienx leġittimu jew illeġittimu, in buona fede jew in mala fede u jekk ikollux bħala oġġett id-detenzjoni tal-ħaġa korporali jew it-tgawdija ta' xi jedd, basta li dik id-detenzjoni u dik it-tgawdija tkun "animo domini" . Jiżdied ukoll illi kwantu*

*għall-molestja, din tista' tikkonsisti fi kwalunkwe att ġuridiku jew fatt materjali li jikkostitwixxi jew jimplika pretensjoni kuntrarja għall-pussess ta' ħaddieħor." (ara ukoll* **Michele Azzopardi v Giuseppe Farrugia** *- Kollez. XXVII. I. 622) .*

"Fil-każ in eżami nsibu li l-atturi qed jallegaw illi f'xi żmien wara l-1 ta' Lulju 1994, il-konvenuti ddisturbawhom fil-pussess tagħhom ta' l-art deskritta fiċ-ċitazzjoni, billi"… *għamlu xogħol ta' skavazzjonijiet fil-proprjeta` ta' l-atturi u barra xi xogħol tal-concrete bdew jibnu fiha ħajt wiesa iktar minn erba' piedi fil-proprjeta` tagħhom."* Fl-ebda mument ma jgħidu li ġew svestiti mill-pussess tagħhom ta' l-art in kwistjoni, imma biss li ġew molestati fit-tgawdija ta' dan il-pussess bix-xogħlijiet imwettqa. Dawn kienu jikkonsistu, kif jikkontendi l-attur[1] u anke jammetti l-istess konvenut fid-depożizzjoni tiegħu,[2] fi skavazzjoni ta' l-art u l-bini ta' ħajt ta' lqugħ ma' ġenb il-ħajt diviżorju, u fuq l-art ta' l-atturi, sabiex il-ħamrija fl-art tagħhom ma tmissx ma' dan il-ħajt . Ma ġiex kontestat li dan ix-xogħol sar fl-art proprjeta` u fil-pussess ta' l-atturi, u lanqas li twettaq wara d-data indikata fiċ-ċitazzjoni, u ċioe` l-1 ta' Lulju 1994, meta din il-kawża ġiet inatvolta tliet xhur biss wara fit-30 ta' Settembru 1994. Lanqas ma ġie ppruvat illi l-konvenuti kienu kisbu l-kunsens jew l-approvazzjoni ta' l-atturi qabel ma daħlu u wettqu dawn ix-xogħlijiet fl-art tagħhom. Anzi tant ma kienux għamlu dan, illi l-atturi malli ntebħu b'li kien ġara, mmedjatament intavolaw rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti biex jinżammu milli jkomplu bihom[3] . Għaldaqstant l-elementi hawn fuq indikati sabiex tissussisti kawża ta' manutenzjoni fil-pussess, jidhru li ġew sodisfatti kollha .

"Għar-rigward tal-kwistjoni jekk f'kawża ta' manutenzjoni tistgħax tintalab ir-reintegrazzjoni bħal ma jsir f'waħda ta' spoll, kif għandna fil-każ in eżami, ir-**Ricci** jgħid illi:

""*Coll'azione in manutenzione si chiede la conservazione o il mantenimento dello stato di fatto in cui il possessore si*

---

[1] A fol. 91 tal-process .
[2] a fol. 98 .
[3] Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 331/1994 fl-istess ismijiet .

*trova; e poiche` la condizione attuale di cose non puo` mantenersi se non a patto che la turbativa cessi, quindi e` che nella domanda di manutenzione in possesso si contiene implicita e come conseguenziale l'altra d'inibizione al turbatore di proseguire nell'opera o nel fatto molesto da lui intrapreso* …..

*E sifatta inibizione puo` riuscire qualche volta insufficiente a raggiungere lo scopo; imperocche`, supposto che il fatto turbativo abbia prodotto variazione nello stato materiale della cosa o nel modo con cui si possedeva, e` evidente che il mantenimento della condizione di fatto in cui il possessore si trova non si ottiene se non restituendo le cose nel primiero loro stato*." (op. cit. #96) .

"Hekk naraw per eżempju li fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Mejju 1991 f'kawża simili ta' manutenzjoni fil-pussess fl-ismijiet : "**Michele Calleja v. Emanuela Cassar et.,**" li ġiet ukoll ikkonfermata fl-Appell, il-Qorti laqgħet, fost oħrajn, it-talba ta' l-attur sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati "… *jagħmlu dal li hu neċessarju sabiex il-passaġġ imsemmi fiċ-ċitazzjoni jerġa' jitqiegħed fl-istat oriġinali tiegħu li kien fis-sajf tas-sena 1978*" (Kollez. Vol. LXXVIII. II 358) . Huwa evidenti għalhekk illi anke f'kawża bħal dik ittentata mill-atturi, it-talba għar-reintegrazzjoni fl-istat oriġinali hija permessa, anzi kif qal ir-Ricci fil-bran ċitat, xi kultant anke indispensabbli biex l-attur jerġa' jiġi fit-tgawdija li kien fiha oriġinarjament.

"Fil-każ tagħna, peress illi l-art ta' l-atturi ma tistax titgawda kompletament sakemm ma terġgħax titqiegħed fl-istat li kienet billi jitneħħew ix-xogħlijiet mhux awtorizzati magħmula mill-konvenuti, tali reintegrazzjoni tiġi neċessarjament meħtieġa. Għaldaqstant it-talbiet attriċi jirriżultaw ġustifikati u jimmeritaw konferma.

"Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi u:

"1. tiddikjara illi x-xogħlijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni u magħmula mill-konvenuti jikkostitwixxu molestja tal-pussess ta' l-atturi ta' l-art tagħhom hemm indikata;

"2. konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien tliet xhur ineħħu dawk ix-xogħlijiet kollha magħmula minnhom fl-art ta' l-atturi u li jikkostitwixxu din il-molestja, u jerġgħu jqiegħdu l-proprjeta` ta' l-atturi fl-istat oriġinali tagħha; u

"3. tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenuti li jagħmlu dan, jagħmlu huma l-istess xogħlijiet a spejjeż ta' l-istess konvenuti.

"Madankollu billi, minkejja t-talbiet speċifiċi tagħhom, l-atturi għal xi raġuni jew oħra ressqu provi rrilevanti dwar il-linja diviżorja, li ddiriġew lill-perit tekniku biex tirrelata dwar kwistjonijiet oħra bejn il-kontendenti li ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-kawża preżenti, l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġi ssoportati kwantu għal żewġ terzi mill-konvenuti u terz mill-atturi stess."

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUTI</u>**

2.1 Il-konvenuti hassewhom aggravati bis-sentenza surreferita u interponew appell minnha ghal fini tar-revoka taghha bic-cahda tat-talbiet attrici, u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

2.2 L-aggravji tal-konvenuti jinsabu "infilzati" ma' siltiet mid-deposizzjonijiet li ngabru fil-kors tas-smigh tal-kawza flimkien ma' referenzi ghal awturi in materja. Dawn l-aggravji pero` jistghu jigu sintetizzati hekk:

(i) Ma jirrizultax li l-atturi gew immolestati fil-pussess ta' l-immobbli *de quo* kif huwa rikjest fl-azzjoni ta' manutenzjoni kif inhija l-kawza in ezami. Fl-ebda waqt ma jallegaw l-atturi li gew zvestiti mill-pussess taghhom ta' l-art *de quo*. Dawn jallegaw biss li gew molestati fit-tgawdija minhabba x-xogholijiet intraprizi mill-appellanti konvenuti. Mela allura l-kwistjoni kollha kienet dwar jekk il-konvenuti oltrepassawx il-linja medjana fil-bini tal-hajt divizorju. Mela mhux kif gie ritenut mill-ewwel Qorti li l-molestja kienet tikkonsisti fi skavar ta' l-art u bini ta' hajt ta' ilqugh magenb il-hajt divizorju fuq l-art ta' l-attur.

(ii) Il-kwistjoni tal-kunsens mhijiex wahda relevanti ghall-kaz in ezami. Dan ghaliex, dejjem skond il-konvenuti appellanti,

"Kien ovvju li min-natura ta' kif kienu l-affarijiet u mis-sitwazzjoni tal-fondi rispettivi bilfors kellu jinbena l-hajt divizorju."

(iii) Ma kien hemm qatt il-volonta` jew il-konsapevolezza da parti tal-konvenuti li jiddisturbaw il-pussess ta' l-atturi fir-rigward ta' l-art fil-pussess tagghom. Il-hajt li gie erett minnhom kien mehtieg li jinbena sabiex tigi evitata hsara derivanti minn akkumulazzjoni ta' tafal gej min-naha ta' l-art ta' l-atturi.

3. Ma jidher li saret ebda risposta da parti ta' l-atturi ghall-appell intavolat mill-konvenuti.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. L-atturi jippossjedu, anzi huma wkoll is-sidien, ta' porzjoni art li tinsab fi Triq Papa Giovanni Pawlu II, Victoria, Ghawdex. Tmiss u tikkonfina ma' din l-immobbli, hemm proprjeta` li tappartjeni lill-konvenuti appellanti. Jifred dawn iz-zewg immobbli hemm hajt divizorju. F'xi zmien qabel ma giet intavolata l-kawza in ezami, il-konvenuti taw bidu ghal xoghlijiet godda strutturali u ta' skavar bil-konsegwenza li gie erett <u>addizzjonalment</u> hajt wiesgha ta' madwar erba' (4) piedi fil-parti li qieghda proprju fil-pussess ta' l-atturi. Mill-provi jirrizulta bic-car mhux biss li dan il-hajt gie kostruwit fil-parti li tappartjeni lill-atturi, imma li l-atturi oggezzjonaw ghal dina l-invazjoni u kwindi dak li sar intaghmel ukoll minghajr kunsens min-naha ta' l-atturi.

5.1 Mir-relazzjoni pprezentata mill-perit gudizzjarju, l-AIC Anna Maria Montalto, jirrizulta (ara konkluzjoni fol. 64 tal-process) li "l-attur gie spoljat b'sebgha punt sebgha metri kwadri (7.70mk)."

5.2 Mill-provi jirrizulta li f'ebda mument ma kien hemm xi forma ta' accettazzjoni jew akkwiexxenza da parti ta' l-

atturi.  Di fatti, l-attur Joseph Azzopardi *inter alia* jixhed hekk (ara fol. 91):
"......Nikola Zammit (i.e. il-konvenut) bena hajt ghal rasu fil-proprjeta` tieghi biex izomm it-trab milli jmiss il-hajt tieghu.  Ghal ragunijiet li ma nafx ghaliex dan il-hajt ghadu hemm kif gie gie kif jidher illum."

5.3  Il-konvenut Nikola Zammit ma jichadx li invada l-art ta' l-atturi imma jipprova jiggustifika dan l-agir tieghu billi jargumenta (ara rikors ta' appell, para. 2 ) li,
"kien ovvju li min-natura ta' kif kienu l-affarijiet u mis-sitwazzjoni tal-fondi rispettivi (li) bilfors kellu jinbena l-hajt ta' tlugh sabiex izomm il-hamrija fil-proprjeta` ta' l-atturi milli tross fuq il-hajt divizorju u l-bini tal-konvenut."

6.  Wara li rat l-atti kollha tal-kawza, u semghet lill-partijiet, din il-Qorti hija tal-ferma konvinzjoni li l-appell tal-konvenuti huwa wiehed <u>altament frivolu</u>.  Ibda biex ghandu jigi nnutat illi originarjament il-konvenuti kienu eccepew *inter alia* (ara t-tieni eccezzjoni, a fol. 9 tal-process) hekk:
"(2)  Illi dak li ghamlu l-konvenuti ghamluh fil-proprjeta` taghhom."

Kien biss fil-kors tal-kawza u wara l-prezentata tar-rapport peritali li huma bdew <u>jispostaw</u> l-argomentazzjoni taghhom fuq il-fatt li huma kienu gustifikati li jibnu l-hajt *de quo* fil-proprjeta` ta' l-atturi.

7.  Huwa veru li fil-kors tal-gbir tal-provi jirrizulta li l-atturi wrew preokkuppazzjoni ghall-fatt li bix-xoghol intrapriz mill-konvenut Nikola Zammit seta' kien hemm aspetti li jolqtu kwistjonijiet li jmorru 'l hinn minn semplici kawza possessorja bhalma hi dik in ezami, jigifieri l-*actio manutentionis*.  Pero` b'daqstant ma kienx ukoll ifisser, kif qeghdin jippretendu l-appellanti biex ikomplu jikkomplikaw il-kwistjoni inutilment, li l-atturi ppruvaw ibiddlu l-azzjoni taghhom fl-*actio finum regundorum*.  Il-parametri ta' l-azzjoni ta' manutenzjoni huma msejsa fuq l-erba' elementi segwenti:-
(I)  L-oggett irid ikun immobbli jew universalita` ta' hwejjeg mobbli;

(II) l-attur ikun fil-pussess ta' liema xorta jkun fuq l-istess haga;

(III) l-attur ikun gie molestat f'dan il-pussess;

(IV) l-azzjoni trid tkun ezercitata fi zmien sena mill-molestja.

8. Minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta li l-ewwel Qorti ghamlet analizi korretta tal-provi prodotti u korrettement ikkonkludiet li molestja tal-pussess da parti tal-konvenuti avvera ruhu tabilhaqq. Kollu ta' xejn li l-konvenuti jargomentaw li l-hsieb taghhom kien biss li "jipprotegu" l-proprjeta` taghhom. Jekk huma tassew hassew tali minaccja kienet hemm minhabba d-dizlivell bejn konfini u ohra kif ukoll il-prezenza ta' tafal gej min-naha ta' l-atturi, certament is-soluzzjoni ma kenitx dik li huma jinvadu l-art ta' l-atturi, jerigu fiha hajt wiesgha erba' piedi u jhallu kollox f'dak l-istat u jieqfu hemm. Minn punto di vista oggettiv, jirrizulta li sar turbament f'dak li qabel kienet art posseduta mill-atturi u kwindi jkun kollu inutli ghall-konvenuti li jippruvaw jinhbew taht pretesti legalistici li huma effimeri ghall-ahhar jew mhux applikabbli ghall-kaz in ezami. Din il-Qorti ma ssib assolutament xejn x'ticcensura minn dak li gie ritenut u deciz mill-Qorti ta' l-ewwel grad, anzi jidhrilha li dan l-appell gie interpost inutilment u jimmerita li jigi sanzjonat skond il-ligi bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 in kwantu tirritjenieh appell fieragh u vessatorju.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma <u>*in toto*</u> is-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenuti b'dan li kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez, dawk l-ispejjez relativi ghall-ewwel istanza jibqghu kif hemm deciz fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti, mentri dawk relativi ghat-tieni istanza jkunu a karigu ta' l-appellanti. U peress li, kif inghad, l-appell hu wiehed fieragh u vessatorju, tikkundanna lill-appellanti jhallsu lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn. It-terminu ta' tlett xhur prefiss fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------